# Minxura l-Imħabba

Celine Agius

Ħabbejtek, wara l-ħwejjeġ minxura
fuq il-perċa

Taħt liżar, bir-riħa ta' sidrek
ixxebblek m'imnieħri

Ħabbejtek, mat-tokki tqal tal-arloġġ
fl-intrata

Ma' kull darba li ħallejna ħwejjiġna
jiġru mal-art

u nsejna li għada se jerġa' jisbaħ ...

Ħabbejtek ma' kull bewsa li sraqna
bit-togħma tan-nikotina f'ħalqna

u rajt fik dak li int stess ma stajtx tara
kull darba li pruvajt tkellimni u ma stajtx.

Għax il-vuċi tiegħek tiżvinta bħal spirtu
fi flixkun miftuħ

U nifsek biss inħoss m'għonqi kiesaħ
mal-kordi ħiemda tal-vjolin.

Xtaqt smajt il-melodija ta' leħnek
tiżfen mar-raxx tal-mewġ

U li qbadna id f'id u ħallejna l-baħar jiblagħna
Forsi ... konna nsiru ħaġa waħda fil-qiegħ
mar-ramel u l-arzell

Iżda ... minxura l-imħabba
bħal-labar tal-inxir li tilfu battalja
kontra r-riħ
u ma jifdal xejn għajr ħabel jitbandal

Hekk hi minxura l-imħabba ...